MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 9/2005

**Mary Anne Graham**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Novembru, 2005, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Deher I. Cilia ghad-Direttur.

Dehret l-appellanti.

L-Arbitru sema' lill-appellanti.

Peress li jidher li d-Direttur kien gusitifikat fid-decizjoni tieghu, anke fid-dawl tar-rapport maghmul mill-ispetturi tad-dipartiment, l-appell qed jigi michud."

Ir-rikorrenti Mary Anne Graham tikkontesta d-decizjoni ta' l-Arbitru fejn dan cahad l-appell taghha quddiemu bil-motivazzjoni li d-Direttur kien gustifikat li jichdilha l-ghajnuna socjali. Anke f' din l-istanza l-appellanti tissokta tikkontendi illi d-Direttur ma gabx provi sodisfacenti li jipparalizzaw id-dritt taghha ghal dik l-assistenza li ghaliha hi intitolata bhala kap tal-familja;

L-espressjoni "kap tal-familja" hi definita mil-ligi (Kapitolu 318) bhala li tirreferi ghal familja li tkun ta' zewg persuni jew izjed fejn, fil-fehma tad-Direttur, persuna tkun il-kap taghha. L-appellanti tissottometti li hi qatt ma tilfet din il-veste u allura l-assunt tad-Direttur hu wiehed zbaljat. Din il-Qorti gja kellha okkazjoni li tinoltra *funditus* f' materja ta' din ix-xorta, kif jirrizulta mil-konsiderazzjonijiet li ghamlet fid-decizjoni fl-ismijiet "**Rita Cauchi -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", 10 ta' Ottubru 2005. Ser tillimita ruhha ghalhekk ghall-fattezzi tal-kaz partikulari hawn ezaminat;

Mill-inkartament tal-kaz jirrizultaw dawn l-aspetti ta' riljiev:-

(1) L-appellanti kienet beneficjarja ta' ghajnuna socjali li giet imwaqqfa lilha mid-Direttur tas-Sigurta` Socjali. Hi omm ta' tlett itfal minuri;

(2) B' kuntratt tat-2 ta' Jannar 1992 l-appellanti sseparat minn ma' zewgha Joseph Friggieri. Fost il-pattijiet konvenuti l-appellanti rrinunzjat ghal kull dritt ghal manteniment minghand zewgha;

(3) Mill-Investigation Report datat 1 ta' Gunju 2005 jirrizulta li meta l-Ispetturi Ian Napier u George Cremona accedew fil-fond residenzjali ta' l-appellanti huma sabu lil certu Ioannis Akakios u wahda minn ulied l-appellanti. Dak iz-zmien l-appellanti kienet fuq bhala f' Tunes;

(4) Fil-petizzjoni ta' l-appell taghha lill-Arbitru l-appellanti, filwaqt li tikkonferma li l-imsemmi Ioannis Akakios kien il-missier naturali ta' l-ulied minuri, tiddikjara li dan kien qed jiehu hsiebhom sakemm hi kienet assenti;

B' dawn il-fatt quddiemu, jinghad bla tlaqliq illi difficilment din il-Qorti tista' ticcensura l-ezercizzju tad-diskrezzjoni adoperat mid-Direttur appellat. Ragonevolment, ma jistax jinghad li l-uzu tad-diskrezzjoni tieghu kien hekk vizzjat minn attitudni errata u irregolari. Dan, aktar u aktar, meta l-ispjegazzjoni lilu moghtija mill-appellanti ma titqiesx bizzejjed biex telimina d-dubju f' dawk ic-cirkostanzi illi din ma setghetx izjed titqies bhala "kap tal-familja". Manifestament, dik l-istess spjegazzjoni kienet insodisfacenti. Effettivament, dik l-istess spjegazzjoni lanqas ma jidher li tqieset fededenja mill-Arbitru li lejh irrikorriet l-appellanti biex dan jezamina l-kaz taghha u jissostitwixxi d-decizjoni tieghu ghal dak tad-Direttur;

Fil-kumpless, tenut rigward tal-kontenut indizzjarju ta' rapport ta' ko-abitazzjoni bejn l-appellanti u l-imsemmi Ioannis Akakios, li certament jaghmel l-Investigation Report ghal fini tal-konvinciment, ma jidherx li l-valutazzjoni ta' l-Arbitru jikkostitwixxi apprezzament difettuz. Dan ghaliex il-provi ma jistghux hlief jinducu ghall-kunsiderazzjoni ewlenija li tabilhaqq il-gudizzju hekk maghmul, ghalkemm xott, xott kien sew sorrett minn motivazzjoni ragonevoli;

Din il-Qorti ma tixba qatt tissottolineja illi ma jistax jigi accettat illi wiehed jippretendi li ghandu jivvantaggja ruhu a skapitu ta' cittadini ohra legittimati ghall-beneficcji socjali u, akkost ta' kollox, jiehu dak li bir-raguni u skond l-ispirtu tal-ligi ma jistax jitqies tali li ghandu jircievi l-favur ta' din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u b' hekk tikkonferma s-sentenza ta' l-Arbitru. Kif inhu

konswet f’ kazijiet simili l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------